Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2025/471

11.3.2025

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2025/471

tat-2 ta' Settembru 2024

li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2023/137 fir-rigward tal-applikazzjoni ta' ċerti rekwiżiti tat-trażmissjoni tad-*data*

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1893/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi l-klassifikazzjoni tal-istatistika ta' attivitajiet ekonomiċi tan-NACE Reviżjoni 2 u li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3037/90 kif ukoll ċerti Regolamenti tal-KE dwar setturi speċifiċi tal-istatistika ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 6(2) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 1893/2006 stabbilixxa klassifikazzjoni statistika komuni tal-attivitajiet ekonomiċi fl-Unjoni ("NACE Rev. 2"), li beda japplika fl-1 ta' Jannar 2008.

(2) Wara li bdiet tapplika n-NACE Rev. 2, il-globalizzazzjoni u d-diġitalizzazzjoni biddlu progressivament il-mod li bih ħafna attivitajiet ekonomiċi jipprovdu l-oġġetti u s-servizzi madwar id-dinja.

(3) Bħala riżultat ta' dawk il-bidliet, in-NACE Rev. 2 kellha tiġi aġġornata, biex tibqa' komparabbli u konsistenti mal-istandards għall-klassifikazzjoni tal-attivitajiet ekonomiċi użati fil-livell internazzjonali. Għaldaqstant, ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2023/137 ([2]) emenda r-Regolament (KE) Nru 1893/2006 u stabbilixxa l-klassifikazzjoni aġġornata ("NACE Rev. 2.1").

(4) Biex l-utenti jkunu jistgħu jivvalutaw il-bidliet dettaljati tal-kontenut fin-NACE, u biex iqabblu l-verżjoni preċedenti tal-klassifikazzjoni mal-verżjoni aġġornata tagħha, fl-1 ta' Awwissu 2023 ġiet ipprovduta tabella ta' korrispondenza flimkien ma' xi noti ta' spjegazzjoni ([3]) għall-utenti tal-klassifikazzjoni ([4]).

(5) Korp kbir ta' leġiżlazzjoni jistabbilixxi rekwiżiti tat-trażmissjoni tad-*data* li jirreferu għal taqsimiet, diviżjonijiet, gruppi jew klassijiet speċifiċi tan-NACE. Sabiex il-fornituri tad-*data* jkunu jistgħu jadattaw għar-rekwiżiti regolatorji emendati, l-applikazzjoni tal-klassifikazzjoni aġġornata (NACE Rev. 2.1) ġiet differita fir-rigward ta' ċerti rekwiżiti tat-trażmissjoni tad-*data* stabbiliti f'diversi atti legali tal-Unjoni. Sabiex ir-rekwiżiti tat-trażmissjoni tad-*data* jiġu allinjati aħjar mal-fattibbiltà prattika, iż-żmien tal-applikazzjoni tan-NACE Rev. 2.1 jenħtieġ li jiġi emendat aktar għal ċerti dominji statistiċi.

(6) Peress li l-granularità tal-klassifikazzjoni aġġornata hija simili għal dik tal-verżjoni oriġinali tal-klassifikazzjoni, l-emenda tar-Regolament Delegat (UE) 2023/137 stabbilita f'dan ir-Regolament ma timponi l-ebda piż addizzjonali sinifikanti fuq l-Istati Membri jew fuq ir-rispondenti.

(7) Għaldaqstant, jenħtieġ li r-Regolament Delegat (UE) 2023/137 jiġi emendat skont dan,

([1]) ĠU L 393, 30.12.2006, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2006/1893/oj.
([2]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2023/137 tal-10 ta' Ottubru 2022 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1893/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-klassifikazzjoni tal-istatistika ta' attivitajiet ekonomiċi tan-NACE Reviżjoni 2 (ĠU L 19, 20.1.2023, p. 5, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2023/137/oj).
([3]) https://europa.eu/!f6H9nX.
([4]) https://europa.eu/!FNRFFB.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Fl-Artikolu 2 tar-Regolament Delegat (UE) 2023/137, il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. B'deroga mill-paragrafu 1, dan ir-Regolament għandu japplika kif ġej:

(a) għar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 530/1999 ([1])*, fir-rigward ta':

— l-istatistika dwar l-istruttura u d-distribuzzjoni tal-qligħ, mill-1 ta' Jannar 2026 fir-rigward tat-trażmissjoni tad-*data* relatata ma' kull perjodu ta' referenza li jibda f'dik id-data jew wara;

— l-istatistika dwar il-livell u l-kompożizzjoni tal-kostijiet lavorattivi, mill-1 ta' Jannar 2028, fir-rigward tat-trażmissjoni tad-*data* relatata ma' kull perjodu ta' referenza li jibda f'dik id-data jew wara;

(b) għar-Regolament (KE) Nru 2150/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2])*, mill-1 ta' Jannar 2026 fir-rigward tat-trażmissjoni tad-*data* relatata ma' kull perjodu ta' referenza li jibda f'dik id-data jew wara;

(c) għar-Regolament (KE) Nru 450/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3])*, mill-1 ta' Jannar 2027 fir-rigward tat-trażmissjoni tad-*data* relatata ma' kull perjodu ta' referenza li jibda f'dik id-data jew wara;

(d) għar-Regolament (KE) Nru 138/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4])*, mill-1 ta' Jannar 2028 fir-rigward tat-trażmissjoni tad-*data* relatata ma' kull perjodu ta' referenza li jibda f'dik id-data jew wara;

(e) għar-Regolament (KE) Nru 1552/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([5])*, mill-1 ta' Jannar 2030 fir-rigward tat-trażmissjoni tad-*data* relatata ma' kull perjodu ta' referenza li jibda f'dik id-data jew wara;

(f) għar-Regolament (KE) Nru 453/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([6])*, mill-1 ta' Jannar 2026 fir-rigward tat-trażmissjoni tad-*data* relatata ma' kull perjodu ta' referenza li jibda f'dik id-data jew wara;

(g) għar-Regolament (KE) Nru 1099/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([7])*, mill-1 ta' Jannar 2027 fir-rigward tat-trażmissjoni tad-*data* relatata ma' kull perjodu ta' referenza li jibda f'dik id-data jew wara;

(h) għar-Regolament (KE) Nru 1338/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([8])*, fir-rigward ta':

— ANNESS II — Dominju: Kura tas-saħħa, suġġett: "in-nefqa u l-finanzjament tal-kura tas-saħħa", mill-1 ta' Jannar 2027 fir-rigward tat-trażmissjoni tad-*data* relatata ma' kull perjodu ta' referenza li jibda f'dik id-data jew wara;

— ANNESS IV — Dominju: Inċidenti fuq ix-xogħol, mill-1 ta' Jannar 2027 fir-rigward tat-trażmissjoni tad-*data* relatata ma' kull perjodu ta' referenza li jibda f'dik id-data jew wara;

(i) għar-Regolament (UE) Nru 691/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([9])*, fir-rigward ta':

— Anness I — MODULU GĦALL-KONTIJIET TAL-EMISSJONIJIET FL-ARJA, mill-1 ta' Jannar 2026 fir-rigward tat-trażmissjoni tad-*data* relatata ma' kull perjodu ta' referenza li jibda f'dik id-data jew wara;

— Anness II — MODULU GĦAT-TAXXI RELATATI MAL-AMBJENT MILL-ATTIVITÀ EKONOMIKA, mill-1 ta' Jannar 2026 fir-rigward tat-trażmissjoni tad-*data* relatata ma' kull perjodu ta' referenza li jibda f'dik id-data jew wara;

— Anness IV — MODULU GĦALL-KONTIJIET TAN-NEFQA TAL-PROTEZZJONI AMBJENTALI, mill-1 ta' Jannar 2026 fir-rigward tat-trażmissjoni tad-*data* relatata ma' kull perjodu ta' referenza li jibda f'dik id-data jew wara;

— Anness V — MODULU GĦALL-KONTIJIET TAS-SETTUR TAL-OĠĠETTI U S-SERVIZZI AMBJENTALI, mill-1 ta' Jannar 2026 fir-rigward tat-trażmissjoni tad-*data* relatata ma' kull perjodu ta' referenza li jibda f'dik id-data jew wara;

— Anness VI — MODULU GĦALL-KONTIJIET TAL-FLUSSI FIŻIĊI TA' ENERĠIJA, mill-1 ta' Jannar 2026 fir-rigward tat-trażmissjoni tad-*data* relatata ma' kull perjodu ta' referenza li jibda f'dik id-data jew wara;

(j) għar-Regolament (UE) Nru 70/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([10])*, mill-1 ta' Jannar 2026 fir-rigward tat-trażmissjoni tad-*data* relatata ma' kull perjodu ta' referenza li jibda f'dik id-data jew wara;

(k) għar-Regolament (UE) Nru 549/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([11])*, fir-rigward tal-Anness B, dan għandu japplika għat-trażmissjonijiet tad-*data* mill-1 ta' Settembru 2029;

(l) għall-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) 2018/1091 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([12])*, mill-1 ta' Jannar 2030 fir-rigward tat-trażmissjoni tad-*data* relatata ma' kull perjodu ta' referenza li jibda f'dik id-data jew wara;

(m) għar-Regolament (UE) 2019/1700 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([13])*, fir-rigward ta':

— il-"forza tax-xogħol" u l-"introjtu u l-kundizzjonijiet tal-għajxien" mill-1 ta' Jannar 2026 fir-rigward tat-trażmissjoni tad-*data* relatata ma' kull perjodu ta' referenza li jibda f'dik id-data jew wara;

— id-dominju tal-"edukazzjoni u t-taħriġ", mill-1 ta' Jannar 2028 fir-rigward tat-trażmissjoni tad-*data* relatata ma' kull perjodu ta' referenza li jibda f'dik id-data jew wara;

— id-dominji tal-"konsum" u l-"użu tal-ħin" mill-1 ta' Jannar 2030 fir-rigward tat-trażmissjoni tad-*data* relatata ma' kull perjodu ta' referenza li jibda f'dik id-data jew wara;

— id-dominju tas-"saħħa", mill-1 ta' Jannar 2031 fir-rigward tat-trażmissjoni tad-*data* relatata ma' kull perjodu ta' referenza li jibda f'dik id-data jew wara;

(n) għar-Regolament (UE) 2019/2152 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([14])*, fir-rigward ta':

— L-Artikolu 6(1), il-punt (a), mill-1 ta' Jannar 2025 fir-rigward tat-trażmissjoni tad-*data* bbażata mill-ġdid fuq is-sena 2025;

— L-Artikolu 6(2), il-punt (c), mill-1 ta' Jannar 2026 fir-rigward tat-trażmissjoni tad-*data* relatata ma' kull perjodu ta' referenza li jibda f'dik id-data jew wara;

— L-Artikolu 6(2), il-punti (b) u (d), mill-31 ta' Diċembru 2026 fir-rigward tat-trażmissjoni tad-*data* relatata ma' kull perjodu ta' referenza li jintemm f'dik id-data jew wara;

(o) għall-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) 2022/2379 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([15])*, mill-1 ta' Jannar 2030 fir-rigward tat-trażmissjoni tad-*data* relatata ma' kull perjodu ta' referenza li jibda f'dik id-data jew wara.

([1])* Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 530/1999 tad-9 ta' Marzu 1999 li jikkonċerna l-istatistiċi strutturali dwar il-qligħ u dwar l-ispejjeż tax-xogħol (ĠU L 63, 12.3.1999, p. 6, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/1999/530/oj).

([2])* Ir-Regolament (KE) Nru 2150/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2002 dwar l-istatistika tal-iskart (ĠU L 332, 9.12.2002, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2002/2150/oj).

([3])* Ir-Regolament (KE) Nru 450/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Frar 2003 dwar l-indiċi tal-ispiża tax-xogħol (ĠU L 69, 13.3.2003, p. 1, ELI: ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2003/450/oj).

([4])* Ir-Regolament (KE) Nru 138/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Diċembru 2003 dwar il-kontijiet ekonomiċi għall-agrikoltura fil-Komunità (ĠU L 33, 5.2.2004, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2004/138/oj).

([5])* Ir-Regolament (KE) Nru 1552/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Settembru 2005 dwar statistika li tirrigwarda t-taħriġ vokazzjonali fl-intrapriżi (ĠU L 255, 30.9.2005, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2005/1552/oj).

([6])* Ir-Regolament (KE) Nru 453/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2008 dwar l-istatistika ta' kull tliet xhur dwar il-postijiet tax-xogħol vakanti fil-Komunità (ĠU L 145, 4.6.2008, p. 234, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2008/453/oj).

([7])* Ir-Regolament (KE) Nru 1099/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2008 dwar l-istatistika dwar l-enerġija (ĠU L 304, 14.11.2008, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2008/1099/oj).

([8])* Ir-Regolament (KE) Nru 1338/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar l-istatistika Komunitarja dwar is-saħħa pubblika u s-saħħa u s-sigurtà fuq ix-xogħol (ĠU L 354, 31.12.2008, p. 70, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2008/1338/oj).

([9])* Ir-Regolament (UE) Nru 691/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Lulju 2011 dwar il-kontijiet ekonomiċi ambjentali Ewropej (ĠU L 192, 22.7.2011, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2011/691/oj).

([10])* Ir-Regolament (UE) Nru 70/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Jannar 2012 dwar prospetti tal-istatistika rigward it-trasport ta' merkanzija bit-triq (ĠU L 32, 3.2.2012, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2012/70/oj).

([11])* Ir-Regolament (UE) Nru 549/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2013 dwar is-sistema Ewropea tal-kontijiet nazzjonali u reġjonali fl-Unjoni Ewropea (ĠU L 174, 26.6.2013, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2013/549/oj).

([12])* Ir-Regolament (UE) 2018/1091 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar l-istatistika integrata tal-azjendi agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 1166/2008 u (UE) Nru 1337/2011 (ĠU L 200, 7.8.2018, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2018/1091/oj).

([13])* Ir-Regolament (UE) 2019/1700 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Ottubru 2019 li jistabbilixxi qafas komuni għall-istatistika Ewropea relatata ma' persuni u unitajiet domestiċi, abbażi ta' *data* fuq livell individwali miġbura minn kampjuni, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 808/2004, (KE) Nru 452/2008 u (KE) Nru 1338/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1177/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 577/98 (ĠU L 261 I, 14.10.2019, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2019/1700/oj).

([14])* Ir-Regolament (UE) 2019/2152 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Novembru 2019 dwar l-istatistika Ewropea tan-negozju, li tħassar 10 atti legali fil-qasam tal-istatistika tan-negozju (ĠU L 327, 17.12.2019, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2019/2152/oj).

([15])* Ir-Regolament (UE) 2022/2379 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Novembru 2022 dwar l-istatistika dwar l-input u l-output agrikoli, li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 617/2008 u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 1165/2008, (KE) Nru 543/2009, (KE) Nru 1185/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttiva tal-Kunsill 96/16/KE (ĠU L 315, 7.12.2022, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2022/2379/oj)."

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-2 ta' Settembru 2024.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN